Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,386, 4 ta' Frar, 2025

Taqsima B

A.L. 27 tal-2025

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43 tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 499.56.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

2. Il-paragrafu (d) tas-subregolament (2) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) ħlief għar-reati msemmija fis-subparagrafi (i) u (ii) tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1), sentenza għat-twettiq ta' reat li:

(i) twettaq qabel id-19 ta' Mejju 2009; u

(ii) twettaq minn persuna li kellha tag ta' xufier valida maħruġa lilha mill-Awtorità qabel id-19 ta' Mejju 2009.".